MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 757/2010

Bank of Valletta p.l.c. (2833)
vs
Marvin u Lorraine mizzewgin McKay

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tliet kuntratti datati 13 ta' Frar 2006, in atti Nutar Dottor Elsa Debono (Dok. "A", "B" u "C") is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Marvin u Lorraine mizzewgin McKay.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Marvin u Lorraine mizzewgin McKay fis-somma ta' disghin elf, seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€90,723.50) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Marvin u Lorraine mizzewgin McKay mal-

Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'D1 sa D3', Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F22") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Lulju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmrja (u prezentati mar-rikors bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marvin u Lorraine mizzewgin McKay:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti, sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Marvin u Lorraine mizzewgin McKay li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-intimati Marvin u Lorraine mizzewgin McKay gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Lulju 2009, li kopja taghha giet prezentata mar-rikors u immarkata Dok 'G', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmrja (esibiti bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marvin u Lorraine mizzewgin McKay (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Marvin u Lorraine mizzewgin McKay li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti, u

2. Tikkundanna lil Marvin u Lorraine mizzewgin McKay ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disghin elf, seba’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€90,723.50) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*”, ta’ Marvin u Lorraine mizzewgin McKay mal-Bank of valletta p.l.c. (Dok. ‘D1 sa D3’, Dok. “E1 sa E3” u Dok. “F1 sa F22”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Lulju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Lulju 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie prezentat kontestwalment kontra l-intimati li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimati li biha esponew:

1. Illi mhux minnu li sehhew xi wahda jew izjed mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti mertu tac-citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

2. Illi l-ammont ikkalkolat mill-bank rikorrenti ta’ Euro 90,723.50 huwa zbaljat peress li l-intimati ghandhom ihallsu anqas mis-somma mitluba kif ser jirrizulta wkoll waqt il-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

4. Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat in-nota ta' Marvin McKay li permezz taghha "qed jammetti t-talbiet attrici fil-kawza bin-numru u fl-ismijiet premessi."

Rat il-verbal tal-lum li permezz tieghu:
"L-intimat Marvin McKay jiddikjara li kien hemm ftehim bejnu u Lorraine McKay li d-djun li kien hemm mal-bank kien responsabbli hu biss ghalihom."

Jirrizulta wkoll li l-intimata Lorraine McKay ghalkemm inizjalment dahhlet risposta guramentata (fol 75) izda in segwitu ma ghamlet ebda prova u ma dehritx ghas-seduta tal-lum.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-intimat Marvin McKay u nuqqas ta' provi da parti ta' l-intimata Lorraine McKay, it-talbiet tal-bank rikorrenti huma gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqagghom qed tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmrja partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marvin u Lorraine mizzewgin McKay (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Marvin u Lorraine mizzewgin McKay li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti, u

Tikkundanna lil Marvin u Lorraine mizzewgin McKay ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' disghin elf, seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€90,723.50) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*", ta' Marvin u Lorraine mizzewgin McKay mal-Bank of valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Lulju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Lulju 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------